MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 345/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1. Hu u l-intimata C B kienu izzewwgu fil-hdax ta' Jannar tas-sena elf disaċ mija disgha u tmenin (11/01/1989) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tlieta u tletin zbarra elf disa` mija disgha u tmenin (33/1989). Kopja tac-certifikat taz-zwieg hija unita ma' dana l-att u markata dokument 'A'.
2. Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal u cioe` T li twieldet fis-sitta u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elf, disa` mija u disgha u tmenin (26/01/1989), S illi twieled fit-tlieta ta' Dicembru tas-sena elf, disa` mija u wiehed u disghin

(03/12/1991) u D li twieled fil-hmistax ta’ Marzu tas-sena elf, disa` mija u tmienja u disghin (15/03/1998).

3. Permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat it-tlieta ta’ Gunju tas-sena elfejn u hamsa (03/06/2005), il-partijiet isseparaw minn xulxin.

4. Il-kuntratt ta’ separazzjoni gie emendat permezz ta’ kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg datat it-tlettax ta’ Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (23/10/2010).

5. Kopja awtentikata tal-kuntratt ta’ separazzjoni kif ukoll tal-kuntratt li bih gie emendat il-kuntratt ta’ separazzjoni huma uniti ma’ dana l-att u markati dokumenti ‘B’ u ‘C’.

6. Ghalhekk ai fini tas-subartikolu 66B(a) tal-Kap XVI, diga ghaddew iktar minn erbgha snin mis-separazzjoni legali tal-partijiet.

7. Ai fini wkoll tas-subartikolu succitat, jigi dikjarat ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal iktar minn erba (4) snin kontinwati.

8. Ai fini tas-subartikolu 66B(b) Kap XVI, jigi dikjarat illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin.

9. Ai fini tas-subartikolu 66B(c) tal-Kap XVI jigi dikjarat illi l-partijiet kienu irrinunzjaw ghad-dritt reciproku ghall-manteniment u dan kif tiddisponi l-klawzola numru erbgha (4) fil-kuntratt ta’ separazzjoni kif emendat bl-att sussegwenti fl-atti tan-Nutar Marco Buttigieg.

10. Ai fini wkoll tal-ahhar subartikolu succitat, l-esponent jiddikjara ukoll li l-manteniment ghal Dylan, jigifieri l-uniku wild tal-kontendenti li ghadu minuri, kif miftiehem fil-kuntatt ta’ separazzjoni kif emendat dejjem thallas puntwalment.

11. Ghalhekk ghandu jirrizulta lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-kondizzjonijiet disposti mil-ligi li huma pjenament sodisfatti.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghi ghaldaqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex isiru id-

debiti registrazzjonijiet fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.
Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Gunju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u lanqas dehret ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Gunju 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi huwa dejjem hallas il-manteniment ghall-wild minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------